# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tat-30 ta' Mejju 2023**

**Talba nru. 129/2019**

**PAUL D'AMATO**
**(KI 516060M)**

***VERSUS***

**SYLVANA SALIBA**
**(KI 470266M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fil-5 ta' Gunju 2019 (a fol 1 et seq), l-attur talab lill-konvenuta thallsu l-ammont ta' tlett elef sebgha mija u ghoxrin Ewro (Eur 3720) rapprezentanti hlas ta' manteniment zejjed. Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali 385/2018 u bl-imghax.

Ra illi l-konvenuta giet debitament notifikata fit-30 ta' Lulju 2019 u li pprezentat risposta fis-6 ta' Settembru 2019 (Fol.9) fejn ecceppiet illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra d-dokumenti prezentati.

Ra l-affidavits ta' l-attur u tal-konvenuta.

Sema x-xhieda in kontro ezami ta' Paul D'Amato.

Ra l-atti processwali.

Ra li din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Provi.

Illi qabel it-Tribunal jghaddi biex jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli li ssir sintezi tal-provi migjuba.

Illi l-attur xehed permezz ta' affidavit fejn ighid illi huwa kien issepara minn mal-konvenuta permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 2 ta' Marzu 2011. Fl-istess kuntratt l-attur kien obbliga ruhu li jhallas l-ammont ta' Eur 520 fix-xahar bhala manteniment izda wara li tinbiegh id-dar matrimonjali dan l-ammont kellu jigi ridott ghal Eur 240 fix-xahar.

L-attur ighid illi huwa impjegat mad-Dipartiment tas-Sahha bhala nursing aid u kien l-employer tieghu li kien ihallas direttament lill-konvenuta l-manteniment dovut. Li gara, jghid l-attur, illi minkejja illi l-manteniment kellu jithallas fix-xahar, id-Dipartiment tas-Sahha beda jhallas manteniment zejjed ghaliex il-paga kienet tohrog kull erbgha gimghat u ghaldaqstant b'dan il-metodu kien qed jirrizulta pagament zejjed fis-sena. L-attur ighid illi kien l-istess dipartiment tar-rizorsi umani li nfurmah li kienu qed isiru hlasijiet zejda a favur tal-konvenuta u li din kienet accettat li irceviet ammonti zejda.

Fl-udjenza tat-18 t'Ottubru 2021, xehdet Ritienne Saliba in rapprezentanza ta' Mater Dei li ipprezentat l-ammonti kollha li inqatghu mill-paga ta' l-attur biex jghaddu a favur tal-konvenuta.

Il-konvenuta xehdet permezz ta' affidavit fejn qalet illi fis-sena 2018 kien cempilla l-attur u informaha illi kien ser jibda jhallas Eur 221 fix-xahar manteniment minhabba li kien hallas ammonti zejda qabel. Fix-xhiedha taghha, l-konvenuta tghid illi kien cempillha ragel u qallha "*Hares Sylvana nahseb konna tajnik xi flus zejda fil-manteniment*", u li kienu ghadom qed jiccekkjaw. Il-konvenuta tinnega li irceviet flus zejda.

Fl-udjenza tat-12 t' April 2022, xehed l-attur in kontro ezami li jghid illi wara li inbieghet id-dar matrimonjali huwa kien informa lid-dipartiment tar-rizorsi umani sabiex l-ammont li ghandu jinqata jigi ridott ghal Eur 240 fix-xahar. L-attur ighid illi wara sebgha snin induna li kien qed jinqatalghu ammonti zejda u dan ghax kienu gibdulu l-attenzjoni tal-Health. Fil-fatt kien kellem lill-avukata tal-Health.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi dan il-kaz huwa xott minn informazzjoni dettaljata li wiehed kien jistenna li jigu prezentati fl-istadju tax-xhieda. Dan qed jinghad ghaliex ghajr ghall-affidavits tal-partijiet, li kif normalment jigri, jikkontestaw il-fatti ta' xulxin, xehedet biss rapprezentanta ta' Mater Dei illi issottomettiet dokumenti konsistenti f' rapport ta' pagi.

Illi fid-dawl tal-fatt illi z-zewg affidavits huma totalment kontrastanti u li l-partijiet irrmiettew ruhom ghall-atti tal-kawza, dan it-Tribunal ma kellux triq ohra hlief li jara bir-reqqa r-rapport sottomess mir-rapprezentant ta' Mater Dei biex jifhem jekk dak li qed jallega l-attur verament tnaqqasx u sarux hlasijiet zejda.

Illi anke f'dawn id-dokumenti tezisti inkostintenza kbira u ma inghatat l-ebda spjegazzjoni ghal cifri li jvarjaw partikolarment fit-tlettax-il pagament ta' kull sena. Huwa fatt illi l-paga kienet tinhadem fuq

tlettax-il pagament u dan johrog car mir-rapport ipprezentat.  Izda l-ammonti taht il-kolonna *Non-Taxable Adjustments*, li tahtom jitnizzel kwalunkwe pagament ta' manteniment ivarjaw minn sena ghall-ohra u fil-gbir tax-xhieda ma inghatat l-ebda spjegazzjoni u gustifikazzjoni ghal dawn il-varjanzi.

Illi fir-rapport jidher illi mis-sena 2012 beda jinqata l-ammont ta' Eur 260.00 kull erbgha gimghat izda fit-tlettax-il pagament inqatghu Eur 198.62. Fis-sena 2013 inqatghu tlettax-il pagament ta' Eur 260.00. Fis-sena 2014 fit-tlettax-il pagament inqatghu Eur 98.18 izda f'wahda mit-tnaqqis (perjodu 29/01/2104-25/02/2014) tnaqqsu Eur 126.08.  Fis-sena 2015 fit-tlettax-il pagament tnaqqsu Eur 100.04.  Fis-sena 2016 fit-tlettax-il pagament tnaqqas l-ammont ta' Eur 260.  Matul is-sena 2017 fl-ewwel pagament tnaqqas Eur 113.99 u fit-tlettax-il pagament tnaqqas l-ammont ta' Eur 124.22 minghajr l-ebda spjegazzjoni. Mis-sena 2018 minn meta inbiegh il-fond matrimonjali it-tnaqqis beda jammonta ghal Eur 221.54 u dan l-ammont ta' tnaqqis baqa ghaddej hekk sa llum il-gurnata.

Illi l-komputazzjonijiet imsemmija hawn fuq, huma a bazi ta' dak li gie ipprezentat mir-rapprezentat ta' Mater Dei minghajr l-ebda spjegazzjoni jew dettal ta' kull tnaqqis x juri jew ghalfejn ic-cifri jvarjaw specjalment l-ammont ta' Eur 221.54 mis-sena 2018 meta skond l-affidavit ta' l-attur stess il-hlas kellu jkun ta' Eur 240 fix-xahar.

Illi b'mod ġenerali jingħad li l-kunflitt ta' provi hija ġrajja normali f'proċessi ta' dan it-tip. Il-Ġudikant għandu jkun essenzjalment iggwidat b'żewġ prinċipji bażilari u ċioé l-utilizzar ta' forma ta' korroborazzjoni u fin-nuqqas taċ-ċertezza morali, iċ-ċaħda tat-talba.

F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet "Angela Zammit vs Glazed Lava Stone of Etna" u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2019 l-isem tas-soċjeta' konvenuta ġew imħassra u sostitwiti bil-kelmiet "Lava Stone of Sicily Ltd C 67061", deċiża minn dan it-Tribunal kif diversament presedut nhar il-10 ta' Ġunju 2022 (Talba Nru: 493/2018 JG), u għal dak kollu ritenut dwar dan il-punt, f'din l-istess sentenza.

Illi f'dan l-istadju, it-Tribunal iħoss il-ħtieġa li anke jekk b'mod konċiż, jispjega aspett partikolari li jolqot lil dan it-Tribunal speċjali, u ċioe' l-obbligu tat-Tribunal li jaqta' t-talbiet quddiemu b'element ta' ekwita', u dan skont anke dak li jipprovdi l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa indubitat illi galadarba l-attur qed jallega illi hemm dovut lilu hlas mill-konvenuta, huwa ghandu l-oneru illi jipprova, fuq bilanc ta' probabilitajiet, illi din il-pretiza tieghu hija fondata. Kif jikteb l-awtur Franciz Auguste Sourdat, lill-parti attrici "*Spetta a lei di provare. Essa articola i fatti, ma ciò non basta, e tutto ciò che essa allega come vero non costituisce che una pretensione interessata, non già una testimonianza. Le pruove debbono sempre essere prese al di fuori di tali allegazioni. In una parola, la qualità di testimonio e quella di parte non possono qui separarsi*." (cfr. "Trattato Generale della Risponsabilità", Napoli, 1853; Vol.I; §347, p. 428). Ta' l-istess hsieb hu l-awtur modern Giorgio Bianchi ("La Prova Civile", CEDAM 2009; p. 172) li jghid hekk: "*Le dichiarazioni pro sé hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte*."

F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bezzina *et* vs John Portelli *et***, (App Ċiv Nru: 1934/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Mejju 2007 fejn ġie mfakkar hekk: *"Ma jidherx li hemm ghalfejn jigi ripetut illi f' kull djalettika processwali hu mholli fil-*

*poter eskluziv u dispositiv tal-parti l-prova li tixtieq tipproduci u jekk hu veru li l-gudikant irid jiddeciedi in bazi ghall-provi sottoposti lilu, il-principju imperanti jibqa' dak generali fis-sens li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega, sija ghas-sostenn tad-domanda, sija ghat-tishih ta' l-eccezzjoni."*

Issa fil-kaz in ezami, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attur filwaqt li jallega li hallas zejjed a bazi tat-tlettax-il pagament, ma jistax jasal ghal konkluzjoni li l-ammont mitlub huwa dovut u li allura ghandu jigi rifuz lura. Mill-gbir tal-provi jew ossia mill-intavolar tar-rapport tal-pagi, minnimkien ma johrog l-ammont mitlub mill-attur u lanqas had ma spjega kif l-ammont mitlub mill-attur huwa rifless f'dan ir-rapport. Illi ghandu jigi precizat li mhuwiex il-kompitu ta' dan it-Tribunal li, f'assenza ta' provi moralment konvincenti, jipprova jazzarda jigbed xi konkluzjoni dwar x'gara jew seta' gara jew li jaghmel kalkoli biex jipprova jasal ghat-talba attrici.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jichad it-talba attrici ghax mhux pruvata sal-grad rikjest fil-Ligi, bl-ispejjez ta' dan il-procediment ikunu kollha a karigu ta' l-attur.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur